MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 5

1 ta' Ottubru 2019

Minuti tas-seduta Nru. 5 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 1 ta' Ottubru 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsillier G. Micallef li permezz ta' imejl datat 22 ta' Ottubru 2019, talab li jiġi skużat minħabba impenn ieħor marbut mal-Kunsill. Il-Kunsill approva r-raġuni mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsill I. Castillo talab li mal-Materji Mqajma mill-Minuti tas-seduta preċedenti huwa talab li tiżdied l-minuti segwenti:

"**5.21.1.** ***Charging pillars*** **(V/4)**

*5.21.2. Il-Kunsill I. Castillo rrefera għall-minuta 2.8.1.* ***(Ref: V/4)*** *fil-minuti tas-seduta preċedenti u qal li huwa ddiskuta maċ-Chairman tal-Enemalta l-proposta sabiex jiġu nstallati charging points fejn id-diversi substations tal-elettriku li jeżistu fil-lokalità.*

*5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.".*

1.3. Il-minuti tas-seduta Nru. 4 tal-11 ta' Settembru 2019 ġew approvati bl-emenda t'hawn. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

**2.1.1. Kampanja dwar is-separazzjoni tal-iskart (K/6/11)**

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 5.6.1. tas-seduta preċedenti dwar il-proposta li saret mill-Wasteserv sabiex vettura armata apposta tiġi pparkjata f'post ċentrali biex jinġabar polystyrene (jablo), plastik, ħġieġ, karta, kartun, metal, żejt tat-tisjir, bozoz, u tessuti, fost oħrajn. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Wasteserv mhux taqbel mal-post indikat fi Triq Selmun u minflok issa qed taqbel li din tiġi pparkjata fi Triq Qasam Barrani.

2.1.3. Il-Kunsill qabel ma' din l-alternattiva sakemm il-post ikun bejn Triq l-Assedju l-Kbir u Triq il-Modd. Kien hemm qbil li għandhom jitpoġġew tabelli temporanji fil-ġurnata ta' qabel.

**2.2.1. Kriterji dwar l-għoti ta' onorefiċenzi (A/5/3/1/Vol XIV)**

2.2.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għall-minuta 2.7.3. tas-Seduta Nru. 3 tat-12 ta' Awwissu 2019 u ppropona li ssir reviżjoni tal-kriterji dwar l-għoti ta' onorefiċenzi li jiġu ppreżentati fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill. Dan peress li l-aħħar darba li saret reviżjoni kienet fl-2014.

2.2.3. Is-Sindku qal li huwa ddiskuta dan is-suġġett mas-Sur J. Buttigieg u qed jipproponu li jitwaqqaf kumitat *ad hoc* li ma jkunx hemm fih membri eletti. Bħala ismijiet issemmew is-Sur Grezzju Barbara fil-kariga ta' Chairman, u membri s-sinjuri Margaret Cutujar, John Grima, Carmen Walls, u in-Nutar Jonathan Vella. Is-Sur C. Debono ikun is-Segretarju tal-Bord.

2.2.4. Il-Kunsill approva n-nominazzjoni tal-persuni msemmija.

**2.3.1. *Children's Right to Participate* (T/11)**

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 5.23.1. tas-seduta ta' qabel u għarfet li id-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* talbu li jingħataw kopji tal-ħarġiet tal-magażin *Mill-Qiegħa għat-Tfal* sabiex jiġu esibiti waqt il-konferenza li qed tiġi organizzata fuq is-suġġett.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Ħarġa kulturali għal Villa Francia f'Ħal Lija (A/5/5/Vol VII)**

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.18.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li għall-ħarġa msemmija. li saret fis-26 ta' Settembru 2019, attendew 43 persuna, kif ukoll wieħed mill-kuntistabbli li jifforma parti mit-Tim tal-Pulizija tal-Komunità. Waqt l-istess attività ġiet preżentata għotja ta' €180 b'riżq il-Marigold Foundation, li nġabru minn fost il-persuni li attendew.

2.4.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li huwa ma jaqbilx illi l-membri tat-tim tal-Pulizija tal-Komunità jattendu għal dawn it-tip ta' attivitajiet, peress li ma jarahomx kompatibbli ma' l-iskop li għaliħ twaqqfu.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif u qabel li l-kumment skont il-minuta 2.4.3. aktar 'il fuq għandu jitqajjem fl-ewwel laqgħa li ssir mad-diriġenti tat-tim.

2.4.5. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet illi ħarġa li jmiss isseħħ fis-17 ta' Ottubru 2019 u tkun għal-Ħaġar Qim, bil-ħlas ta' €5 kull persuna. Biex jinżamm dan il-prezz, l-anzjani jeħtieġ li jkollhom il-*Heritage Pass* li l-ħruġ tiegħu jista' jiġi faċilitat mill-uffiċċju tal-Kunsill.

2.4.6. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa importanti li dawn l-attivitajiet jingħataw aktar pubbliċità permezz tal-medja soċjali, bil-għan li iktar nies ikunu jafu bihom u hekk tiżdied il-konkorrenza

2.4.7. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minut 2.4.6.

**2.5.1. Milied Mellieħi 2019** **(A/5/3/7)**

2.5.2. Is-Sindku kkonferma li d-dati ta' Milied Mellieħi 2019 ser ikunu d-19, 20, 21 u 22 ta' Diċembru, filwaqt li ppreżenta abbozz tal-*poster* li ser jintuża biex tingħata promozzjoni lill-avveniment.

2.5.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li waqt laqgħa li huwa kellu mal-Mellieħa Youths sar magħruf li l-pantomima tal-Milied ser issir fit-28 u d-29 ta' Diċembru 2019.

2.5.4. Il-Kunsill approva l-abbozz imressaq.

2.5.5. Is-Sindku għarraf ukoll li fil-11 ta' Ottubru 2019 fis-7.30pm ser issir laqgħa għall-għaqdiet dwar il-parteċipazzjoni tagħhom f'Milied Mellieħi, kif ukoll f'attivitajiet oħra.

**2.6.1. Problemi marbuta mal-ipparkjar ta' *caravans*** **(C/4/Vol IV)**

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 5.12.1. tas-seduta ta' qabel u qal li permezz ta' Cirkulari AKL 2019/103 tas-17 ta' Settembru 2019 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali appellat lill-Kunsill Lokali affettwati sabiex jindikaw iż-żoni problematici għall-*caravans* fil-lokalitajiet rispettivi.

2.6.3. Is-Segretarju għarraf li l-postijiet li ġew indikati huma:

Bajja tal-Mistra
Għadira (Mellieħa Bay Hotel)
Armier (Qortin it-Twil)
Armier (Fil-parkeġġ)
L-Armier iż-Żgħir
Ċirkewwa (Faċċata tal-Paradise Bay Hotel)
Triq ir-Ramla tal-Bir (Quddiem ir-Ramla Bay Hotel)

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li kemm-il darba jsiru laqgħat fuq din il-materja, għandhom jattendu s-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillieri E. Bartolo, u G. Micallef.

**2.7.1. Sistema ta' *one-ways* fil-Manikata** **(T/3/2/Vol XV)**

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li sussegwentement għad-diskussjoni li saret dakinhar, kien hemm korrispondenza dwar l-istess suġġett mill-Ministeru tat-Transport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali. B'riżultat tat-tweġiba mogħti, mill-Kunsill issejħet laqgħa minn Infrastructure Malta, fejn kien hemm preżenti uffiċjali minn Transport Malta, il-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo u l-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.7.3. Il-Viċi Sindku qal li fil-laqgħa ma' Infrastructure Malta issemmew ir-raġunijiet għaliex il-Kunsill kien kontra l-ideja li ssir is-sistema tal-*one-ways* proposti u l-effett fuq ir-rotot tal-karozzi tal-linja Nri. 101 u 245. Issemmiet ukoll il-possibiltà li titwessgħa Triq il-Manikata. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li l-uffiċjali ta' Infrastructure Malta qablu mar-raġuniet mogħtija mill-Kunsill għaliex għandu jinżamm l-i*status quo*, iżda kienu tal-fehma li bi prova għal tliet xhur, għandha ssir tabella fi Triq il-Wilġa sabiex traffiku li jkun sejjer lejn iċ-Ċirkewwa jingħata d-direzzjoni lejn Trejqet il-Ħarrub, li għadha kemm ġiet asfaltata. Intqal ukoll li Infrastructure Malta attwalment m'għandhiex fil-pjanijiet tagħha t-twessigħ ta' Triq il-Manikata.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Tindif volontarju** **(T/6/1Vol IV)**

2.8.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.7.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li għall-*clean-up* li saret ġewwa l-Aħrax fil-21 ta' Settembru 2019, bħala parti mill-attivitajiet tal-kampanja *Clean Up* the World, ipparteċipaw madwar ħamsin persuna. Dawn kienu ġejjin

mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti (Mellieħa); il-Mellieħa Scout Group, fost oħrajn.

2.8.3. Is-Sinjura Bartolo Cutajar ppproponiet li l-*clean-up* li jmiss issir fl-inħawi tal-Fortizza ta' Campbell f'Selmun fid-19 ta' Ottubru 2019 fid-9.30am.

2.8.4. Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna li fid-19 ta' Settembru 2019 saret *clean-up* oħra matul Triq Selmun bis-sehem ta' madwar għoxrien żgħażagħ mill-Kummissjoni Żgħażagħ Vittorjani. Flimkien miegħu, ħadet sehem il-Kunsilliera A. Brincat Stellini.

2.8.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li għal attivitajiet simili għandhom jiġu pprovduti *pickers* u kaxxa tal-ewwel għajnuna.

2.8.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. *Litter bins* (L/5/Vol II)**

2.9.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.25.1. tas-seduta ta' qabel u ssuġġeriet li jitwaħħlu *litter bins* ikbar fit-toroq ewlenin fejn il-bankina tkun tippermetti.

2.9.3. Il-Kunsill approva s-suġġeriment.

**2.10.1. Proġett iffinanzjat taħt il-programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/35)**

2.10.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.26.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-applikazzjoni għall-iffinanzjar tal-proġett imsemmi kienet ġiet sottomessa wara li kien hemm il-konferma li ser jipparteċipaw il-muniċipalitajiet ta' Amata (Latvia), Casalborgone (Italja), Cugir (Rumania).

2.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Attività li tinvolvi l-għaqdiet sportivi (S/4/2/Vol lll)**

2.11.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta ta' qabel u qal li wara kuntatti li huwa kellu mal-għaqdiet sportivi, irriżulta li l-attività illi oriġinarjament kienet ippjanata għall-14 ta' Settembru 2019, issa qed jiġi propost li din tkun parti minn Milied Mellieħi taħt it-tinda li ser tintrama f'Misraħ il-Parroċċa.

2.11.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Statwa ta' San Pawl fuq il-gżira ta' Selmunett (R/2/Vol II)**

3.1.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar possibiltá li tiġi restawrata l-istatwa msemmija.

3.1.3. Is-Segretarju kkummenta li fl-2007 kien sar restawr fuq l-istatwa mis-soċjetà Din l-Art Ħelwa. Għaxar snin wara kien tħabbar intervent simili li kellu jsir mill-istess soċjetà flimkien mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, iżda sa fejn huwa magħruf kienu ġew installati pannelli biex tinxtegħel l-istatwa, li sfortunatament ġew vandalizzati xi żmien wara.

**4.0. Tqegħid ta' Karti**

- *Purchase Request Form* – 30/09/19;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 24/08/19 – 20/09/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 10/09/19 – 27/09/19;
- Minuti – Kumitat dwar Triq Ġorġ Borg Olivier – 27/08/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. *Soft area* biswit il-parkeġġ fl-Armier (K/6/3/Vol III)

5.1.2. Is-Segretarju rrefera għal imejl datat 2 ta' Settembru 2019, mibgħut minn Ambjent Malta, fejn saret proposta sabiex jitħawlu siġar jew arbuxxelli fuq biċċa art bil-ħamrija li hemm bejn ix-xatt u l-parkeġġ tal-Armier. Ambjent Malta lesti li jippreparaw is-sit u jħawwlu għoxrin siġra flimkien ma' tletin arbuxxelli. Minn naħa l-oħra l-Kunsill ikun mistenni jagħmel it-tisqija fl-ewwel ħames snin wara t-tħawwil. Ambjent Malta tipprovdi l-pjanti u tissupplixxi oħrajn f'każ li dawn imutu jew jiġu vandalizzati.

5.1.3. Kien deċiż li ż-żamma ta' siġar/arbuxxelli tiġi nkorporata fil-kuntratt dwar il-manutenzjoni tal-ġonna u soft *areas*. Il-Kunsill approva l-iffirmar tal-ftehim.

### 5.2.1. PA 2943/19 – Twaqqiegħ u bini mill-ġdid tal-Lukanda Ramla Bay (P/5/8/R)

5.2.2. Sar aċċenn għal imejl datat 18 ta' Settembru 2019, mibgħut mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, fejn intqal li saret talba skont *project description statement* sottomess mill-applikant. Ġie spjegat li parti mill-ipproċessar tat-talba jitlob li jsir *Environment Impact Assessment*. Il-Kunsill ġie mistoqsi jekk għandux proposti dwar it-termini ta' referenza relattivi u ta sat-18 ta' Ottubru 2019 sabiex ikun jista' jgħaddihom. L-Kunsill ġie mgħarraf li l-Awtorità sejħet *scoping meeting* fuq il-proġett fl-14 ta' Ottubru 2019 fl-10.00am.

5.2.3. Waqt is-seduta ma tressqu ebda proposti sabiex jiġu nklużi fit-termini ta' referenza, iżda kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv sal-4 ta' Ottubru 2019 sabiex jiġu mgħoddija lill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi.

### 5.3.1. Maniġġ ta' traffiku fi Triq ix-Xagħra ta' Barra k/m Triq Ta' Fuq il-Widien (T/3/2/Vol XV)

5.3.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li fejn jiltaqgħu ż-żewġ toroq imsemmija, jeżisti spażju kbir li qed jagħti lok għal sewqan perikoluż, peress li ma teżisti ebda ġwida bħalma huma *traffic islands* u/jew *roundabout*.

5.3.3. Is-Segretarju aċċenna li dan is-suġġett kien diskuss fis-Seduta 41 tal-10 ta' April 2015 u dakinhar kien iddeċieda li ssir *mini-roundabout* biż-żebgħa wara li kienet saret layout plan mill-perit tal-Kunsill, liema pjanta ġiet murija waqt is-seduta.

5.3.4. Il-Kunsill iddeċieda li jieħu l-parir ta' Transport Malta sabiex jiġi stabbilit dwar jekk l-arranġament għandux jiġi ndikat biż-żebgħa, jew permezz ta' kurduna elevata.

### 5.4.1. Sewqan perikoluż fi Triq is-Santwarju (T/3/2/Vol XV)

5.4.2. Saret referenza għal petizzjoni mibgħuta minn residenti tal-parti t'isfel ta' Triq il-Mitħna l-Ġdida u ta' Triq is-Santwarju, fejn talbu li jsiru *speed humps* f'tal-aħħar. Il-petizzjoni ġiet iffirmata minn 38 persuna.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta sabiex isir *speed hump* fi Triq is-Santwarju, bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Mitħna l-Ġdida

### 5.5.1. Passaġġ pubbliku bejn Triq is-Sagħtar u Triq l-Għerien (T/4/7/Vol III)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Settembru 2019, fejn inġibdet l-attenzjoni minn resident li qed issir ħsara lil *service culvert* li jinsab taħt il-bankina fi Triq l-Għerien fejn hemm proġetta li ssir triq li tagħti għal Triq is-Sagħtar. Għaldaqstant intalab li jsiru *bollards* biex ma jitilgħux vetturi fuq il-bankina.

5.5.3. Il-Kunsill osserva li t-tip ta' aċċess pubbliku għadu ma ġiex determinat b'mod uffiċjali, fis-sens jekk huwiex ser ikun hemm parti minnu li tkun aċċessibbli bil-vetturi, jew totalment pedonali. Dan minħabba permessi li jistgħu jinħarġu aktar 'il quddiem għal garaxxijiet. Għaldaqstant huwa prematur li jitwaħħlu l-*bollards* mitluba. Fi kwalunkwe każ, il-Kunsill kien tal-fehma li passaġġ pubbliku qatt ma għandu jiġi nġumbrat.

**5.6.1. Proġett ERDF.05.115 – *It-Tunnara: Bring Histopy Back to Life*** (P/10/30)

5.6.2. Saret referenza għal ittra datata 18 ta' Settembru 2019, mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Ippjanar u Kordinazzjoni tal-Prijoritajiet li aċċettat talba sabiex tiżdied l-allokazzjoni tal-fondi għall-proġett, peress li s-sejħiet li saru għar-restawr tal-batterija minn barra u l-attrezzar tal-Mużew tat-Tunnara minn ġewwa, eċċedew il-baġit allokat. Fil-fatt il-proġett huwa stmat li jiswa €503,982 li €403,185 minnhom ser jitħallsu minn fondi Ewropej, filwaqt li €100,796 irid jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill mill-fondi tiegħu.

5.6.3. Id-Diviżjoni approvat li €41,899 fil-vot ta' kontinġenza ta' jista' jintuża għar-restawr, filwaqt li żiedet l-allokazzjoni b'€43,932, li €23,557 għandhom jiġu wtilizzat fuq ir-restawr u €20,375 fuq l-attrezzi tal-Mużew minn ġewwa.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.6.5. Is-Sindku D. Vella qal li fid-9 ta' Ottubru 2019 jaħbat l-ewwel mitt jum mill-ħatra tat-Tmien Kunsill u għalhekk ikun xieraq li dan jiġi mfakkar bil-bidu tax-xogħol tar-restawr fuq il-Batterija ta' Westreme minn barra. Huwa qal li minbarra l-promozzjoni tal-proġett, din l-attività għandha sservi sabiex isir aċċenn fuq il-ħidma tal-Kunsill f'dan il-perjodu. Huwa qal li fost oħrajn ġew mistiedna jattendu il-Ministru tal-Ġustizzja, il-Kultura u Gvern Lokali l-Onor O. Bonnici u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-fondi Ewropej, l-Onor. A. Farrugia.

5.6.6. Il-Kunsill approva l-attività.

**5.7.1. *Speed humps* fit-triq tal-Miżieb** **(T/3/2/Vol XV)**

5.7.2. Inqrat imejl datat l-1 ta' Ottubru 2019, fejn saret talba sabiex isiru serje` *speed humps* fit-triq imsemmija, minħabba li hija dejqa u hemm tendenza li xi sewwieqa jsuqu b'veloċità qawwija.

5.7.3. Il-Kunsill ma qabilx mat-talba, peress li parti sostanzjali tat-triq hija mserpa u tista' tgħaddi vettura waħda biss.

5.7.4. Ġie deċiż li għandha ssir faxxa tal-konkos fil-parti ta' fuq tat-triq, peress li hemm diżlivell qawwi fuq ġenb wieħed tagħha.

**5.8.1. Tindif qrib *Noah's Ark Animal Sanctuary*** **(D/3/1/Vol V)**

5.8.2. Inqara imejl datat 30 ta' Settembru 2019, mibgħut minn Noah's Ark Animal Sanctuary, fejn talbu sabiex titnaddaf d-daħla li tagħti għas-santwarju, filwaqt li tissewwa t-trejqa li tagħti għalih minn Triq Wied Musa.

5.8.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir żjara fuq il-post sabiex jiġi stabbilit x'jista' isir f'dak li jirrigwarda tneħħija ta' terrapien u skart ieħor.

**5.9.1. *Culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq Għajn Żejtuna** **(T/4/12)**

5.9.2. Saret referenza għal ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili minn John u Agnes Borg li qed jilmentaw illi *rainwater culvert* ġie mċaqlaqq mill-Kunsill, wara li l-gar tagħhom għalaq il-passaġġ tal-ilma li kien jagħti direttament għall-wied, bil-bini ta' ħajt. Il-protestanti qed jitolbu lill-Kunsill jirrimedja din is-sitwazzjoni, peress li qed jidħol ilma fil-proprjetà tagħhom.

5.9.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-protestanti ġew offruti li jsir *gutter* quddiem id-*drive-way* tagħhom sabiex jilqa' xi ilma li jista' jaqbeż għal ġewwa, partikularment meta jgħaddu l-vetturi mit-triq. Jidher li din is-soluzzjoni ma għoġbithomx għaliex qatt ma ġew lura sabiex tiġi mplementata.

5.9.4. Kien hemm qbil li għandu jiġi kkuntattjat il-perit tal-Kunsill qabel tingħata tweġiba permezz tal-avukat.

**5.10.1. Akkwist ta' tagħmir sportiv mill-Mellieħa Baseball & Softball Club (S/6/Vol IV)**

5.10.2. Sar aċċenn għal talba mill-Mellieħa Baseball and Softball Club sabiex il-Kunsill jgħin finanzjarjament fix-xiri ta' tagħmir b'rabta mad-dixxiplina sportiva msemmija.

5.10.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li t-tim għandu *nursery* li tħaddan fiha 20 tifel u tifla u riċentement inħatar kumitat ta' direzzjoni ġdid.

5.10.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jissieħeb f'din l-inizjattiva sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jeċċedix €500, skont l-ispirtu ta' l-Artiklu 33(s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap.363).

**5.11.1. Attività fl-okkażjoni ta' Jum Dinji tat-tfal (A/5/3/Vol XIII)**

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li fis-16 ta' Novembru 2019, fl-okkażjoni ta' Jum it-Tfal, isir tħawwil ta' siġar u arbuxxelli fis-*soft area* li ser tiġi rijabilitata bejn il-parkeġġ tal-Armier u xatt-il baħar. Hija ssuġġeriet li din issir bejn is-2.00pm u l-4.00pm.

5.11.3. Il-Kunsilliera R. Cutajar Bartolo pproponiet li bħala parti mill-attività ssir *clean-up* bil-parteċipazzjoni tat-tfal u l-ġenituri li jkunu qed jakkumpanjawhom.

5.11.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**5.12.1. Użu tal-faċilitajiet fis-Sala tal-Kunsill (K/1/3/Vol II)**

5.12.2. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa ġie avviċinat mill-Mellieħa Scout Group sabiex jagħmlu użu mill-faċilitajiet fis-sala tal-Kunsill, kif ukoll il-kompjuters installata hemm. Dan peress li ser ikollhom kollegamenti ma' *scouts* minn pajjiżi oħra bejn it-18 u l-20 ta' Ottubru 2019.

5.12.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir użu mis-sala sakemm ma tkun okkupata b'attivitajiet oħra. Dwar l-użu tal-kompjuters, kien hemm qbil li l-i*scouts* għandhom jiksbu l-permess ta' sidhom.

**5.13.1. Ġbir ta' skart domestiku minn binja fi Triq id-Deru (K/6/2/Vol V)**

5.13.2. Is-Sindku D. Vella qal li huwa ġie avviċinat minn proprjetarju tal-binja msemmija li tinvolvi 120 appartament, dwar il-ġbir tal-iskart domestiku li attwalment qed isir permezz ta' *skip* fi Triq id-Deru. Dan ġie mitlub jonora l-kundizzjoni li għandu fil-permess tal-bini billi jipprovdi skip/s li jinżammu fl-istess binja. Minn naħa tiegħu din hija problema peress li jrid ikun hemm persuna li ddaħħalha u toħroġha biex titbattal mill-kuntrattur tal-Kunsill.

5.13.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-fatt illi l-kuntrattur tal-Kunsill diġa għandu nkonvenjent biex jiġbor l-iskart mill-blokka in kwistjoni, peress li qed jitla' b'lura minn Triq Lewis Wettinger sabiex ibattal l-iskip.

5.13.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li mhux kompitu tal-kuntrattur li jispostja l-iskip mill-binja u lura biex titbattal, filwaqt li għamilha ċara li kemm-il darba tibqa' tintuża *skip*, din għandha titħalla fejn hi attwalment, sakemm titlesta l-binja u l-iżviluppatur ikun f'pożizzjoni li josserva l-kundizzjoni relattiva nkluża fil-permess.

**5.14.1. Donazzjoni tal-organi (M/8/Vol VI)**

5.14.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 26 ta' Awwissu 2019 mibgħut mid-Dipartiment għar-Regolazzjoni tas-Saħħa fejn stiednu rappreżentant mill-Kunsill sabiex jattendi laqgħa ta' informazzjoni fil-25 ta' Settembru 2019. Biex jiġi ffaċilitat il-proċess tar-reġistrazzjoni, il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill.

5.14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.15.1. PA 5909/17 – Żvilupp ta' art konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl; Triq il-Fortizza; u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (P/5/8/Z)**

5.15.2. Is-Segretarju aċċenna li s-smiegħ tal-appell fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kompla fl-24 ta' Settembru 2019 billi saret trattazzjoni mill-avukati u l-periti tal-partijiet. Il-każ ġie aġġornat *sine die* għas-sentenza.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.16.1. Ċaqlieq ta' *bus stop* fi Triq il-Kbira (B/6/Vol V)**

5.16.2. Il-Kunsillier M. Abela rrefera għall-minuta 5.3.1. tas-seduta Nru. 3 tat-12 ta' Awwissu 2019 u għarraf li l-*bus stop* – Pitirross – tneħħa għal kollox u mhemm xejn fuq il-post. Fil-fatt waslulu lmenti mill-pubbliku dwar dan in-nuqqas.

5.16.3. Is-Segretarju għarraf li saru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta sabiex dan jerġa' jitwaħħal temporanjament bejn l-ex-GS Supermarket u d-dar "St Mary".

**5.17.1. Servizz ta' tiswija tal-qtates *(cat neutering)* (A/9)**

5.17.2. Il-Kunsillier M. Abela għarraf li huwa ġie avviċinat minn persuna li voluntarjament tagħti s-servizz imsemmi u qed tistaqsi jekk tistax tirkupra spejjeż li hija għamlet b'rabta ma' kura li hija ħadet ħsieb li jingħataw numru ta' qtates wara li dawn issewwew.

5.17.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-persuna in kwistjoni ma hijiex fost dawk magħrufa mill-Kunsill biex jagħmlu dawn ix-xogħol, peress li mgħandhiex il-karta ta' identifikazzjoni.

5.17.4. Is-Sindku kkummenta li l-involviment tal-Kunsill jieqaf sa jumejn wara li l-qtates jiġu trattati. Huwa qal li huwa importanti li din il-prassi tinżamm, anke minħabba raġunijiet finanzjarji.

5.17.5. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-persuna konċernata sabiex tiġi spjegata l-proċedura nvoluta.

**5.18.1. Manutenzjoni fuq il-Monument tal-Pellegrini (P/4/7/Vol II)**

5.18.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 3 tat-12 ta' Awwissu 2019 u qal li apparti n-nuqqasijiet li hemm fil-post imsemmi, mhemmx dawl adekwat u allura qed joħloq nuqqas ta' sigurtà għar-residenti tal-madwar.

5.18.3. Il-Kunsillier G. Micallef, ġibed l-attenzjoni li t-tarġiet tal-qawwi miksura kienu għadhom ma nbidlux.

5.18.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li jistgħu jiġu nstallati żewġ fanali ornamentali li diġa qiegħdin fil-pussess tal-Kunsill.

5.18.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 5.21.3.

**5.19.1. Ipparkjar fi Triq il-Fortizza (T/3/2/Vol XV)**

5.19.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li l-ipparkjar ta' vetturi fi Triq il-Fortizza bejn Triq Ħalq iċ-Ċawl u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi qed joħloq konġestjoni, partikularment quddiem d-daħla għall-parkeġġ li hemm taħt il-Valyou Supermarket. Għaldaqstant huwa ppropona li jsiru linji sofor doppji faċċata tal-istess parkeġġ.

5.19.3. Is-Sur I. Castillo, ippropona wkoll li jsiru sinjali STOP fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi kantunniera ma' Triq in-Nases u ma' Triq il-Fortizza.

5.19.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.22.2., peress li eliminazzjoni ta' ipparkjar tiffaċilità l-aċċess u l-ħruġ mill-parkeġġ imsemmi partikularment għall-vetturi kbar li jfornu l-istabbiliment imsemmi. Is-suggeriment skont il-minuta 5.22.3. ġie approvat ukoll.

## 5.20.1. Kwestjonarju dwar ix-xtut (X/1/1/Vol II)

5.20.2. Il-Kunsillier G. Micallef ippropona li jsir kwestjonarju onlajn sabiex jinkiseb *feedback* mingħand il-pubbliku dwar diversi aspetti tas-suġġett. Huwa qal li l-mistoqsijiet proposti ġew mgħoddija fuq l-indirizz elettroniku tal-Kunsill.

5.20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett għandha titkompla.

## 5.21.1. "*Pink October Campaign 2019*" (K/11)

5.21.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għall-mixgħela tal-faċċata tal-uffiċċju amministrattiv li qed issir fix-xahar ta' Ottubru tul-il kampanja msemmija. Huwa qal li din għandha tiġi supplimentata permezz ta' posters li jittellgħu fis-sit elettroniku tal-Kunsill u fil-medja soċjali. Huwa offra li jgħaddi il-grafika f'dan ir-rigward.

5.21.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa.

## 5.22.1. Traffiku fit-Triq Ta' Msid (T/3/2/Vol XV)

5.22.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna li qed ikun hemm konġestjoni ta' traffiku kull meta coaches jgħaddu mit-triq imsemmija u jiltaqgħu ma' vetturi oħrajn fid-direzzjoni opposta. Dan peress li fil-parti l-kbira t-triq hija dejqa bil-ħitan fuq iż-żewġ naħat tagħha. Huwa ppropona li vetturi kbar għandhom jiġu pprojbiti.

5.22.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-vetturi kbar kollha għandhom jiġu pprojbiti ħlief dawk li jkunu meħtieġa li jirrendu xi servizz fl-istess triq. Għaldaqstant għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta f'dan is-sens.

## 5.23.1. *Eco-Tax* fuq l-akkomodazzjoni (F/1/7/Vol V)

5.23.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna li t-taxxa msemmija tapplika fil-każ tal-postijiet li fihom jiġi pprovdut servizzi ta' akkomodazzjoni. It-taxxa hija imposta għal kull individwu u għandha limitu ta' €5 għal kull żjara. Huwa qal li lokalitajiet bħal Mellieħa għandhom diversi stabbiliment ta' dan it-tip u għalhekk huwa ġust li l-Kunsill Lokali jingħata porzjoni minn din it-taxxa sabiex ikun jistgħu itejbu s-servizzi li jingħataw jew isir titjib infrastrutturali. Għaldaqstant kien propost li jsiru rappreżentazzjonijiet f'dan ir-rigward lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

5.23.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 5.24.1. Żjara minn ġurnalisti fil-qasam l-ivjaġġar (T/12/2/Vol II)

5.24.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li grupp ta' ġurnalisti barranin fil-qasam tal-ivjaġġar ser iżuru l-Mellieħa fit-3 ta' Ottubru 2019 b'riżultat tas-sħubija fl-EDEN Network. Dawn ser jittieħdu jaraw l-attrazzjonijiet ewlenin fil-lokalità.

5.24.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.25.1. Attività fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjan (A/1/1/Vol II)

5.25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li hija u s-Sindku D. Vella ġew mistiedna jattendu għall-attivajiet li ġew organizzati mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjan li kien fl-1 ta' Ottubru 2019. Filgħodu kien hemm *breakfast* fejn il-Kunsill ipprovda l-frott li tqassam lill-anzjani u attenda s-Sindku, filwaqt wara nofsinhar sar *high tea* u attendiet is-Sinjura Brincat Stellini, fejn il-Kunsill ser ikopri d-divertiment. L-ispiża totali tammonta €250.

5.25.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.26.1. *Masterplan* dwar it-tmexxija tal-Park tal-Majjistral** **(A/4/10)**

5.26.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarrfet li fis-seduta tal-bord tal-Grupp Azzjoni tal-Majjistral li saret fl-24 ta' Settembru 2019, kien hemm qbil li t-tnedija tal-Miżura 2 - *Strengthening a Healthy Cultural Identity* - li tappella l-iktar għall-għaqdiet mhux governattivi li jixtiequ jiffinanzjaw proġetti li jista' għandhom. Għaldaqstant qed jipproponu li ssir laqgħa apposta għall-għaqdiet ibbażati fil-Mellieħa.

5.26.3. Il-Kunsill innota tagħrif mogħti.

**5.27.1. Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2019** **(H/2/1)**

5.27.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 24 ta' Settembru 2019, fejn il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza ħareġ sejħa għal nominazzjonijiet ta' ħaddiema li taw jew qiegħdin jagħtu servizzi taħt kategoriji varji, illi jissodisfaw l-kriterji stabbiliti. Is-sejħa tagħlaq fil-25 ta' Ottubru 2019.

5.27.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.1. Tħejjijiet għall-Animal Fest 2019** **(A/5/3/Vol XII)**

6.2. Il-Kunsillier M. Abela ssuġġerixxa li għall-attività tal-Ħadd 27 ta' Ottubru 2019 li ser isseħħ fl-Irziezet ta' Selmun, jiġu mistiedna organizzazzjonijiet mhux governattivi nvoluti fil-benesseri tal-annimali. Huwa qal li għandhom jingħataw l-opportunità jispjegaw lill-pubbliku l-ħidma u l-għanijiet tagħhom. Il-pubbliku jiġu mħajjar jġib il-*pets* biex ikun hemm interazzjoni mal-membri tal-istess organizzazzjonijiet. Għandhom jiġu mistiedna wkoll raħħala biex iġibu xi annimali li huma jrabbu u jbiegħu prodotti li jipproduċu. Is-Sur M. Abela ppropona wkoll li jkun hemm it-tberik tal-annimali mill-Arċipriet.

6.3. Bħala attrazzjonijiet oħra, is-Sur Abela ssuġġerixxa li jkun hemm żfin mill-iskola Artemocion, *face painting*, u wirja mill-klieb tad-Dipartiment tad-Dwana. Ippropona wkoll li jkun hemm bar u *stands*/kjoskijiet. Kien propost wkoll li jiġu mistiedna jattendu l-membri tat-Tim tal-Pulizija tal-Komunità. Ġie ssuġġeriet li jitqassam *flyer* sabiex il-pubbliku jkun jaf bl-attività.

6.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**7.1. Ftehim ma' assoċjazzjonijiet sportivi dwar l-użu tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja** **(S/4/1/5)**

7.2. Saret referenza għall-minuta 8.1. tas-seduta ta' qabel dwar l-użu tad-*dressing rooms* tal-Park mill-Tritons Sports Club bħala sede tal-istess klabb. Huwa qal li ċ-ċwievet ġew ritornati kif intalab fl-ittra mibgħuta lilhom tat-13 ta' Settembru 2019. Ingħatat tweġiba għall-istess ittra bid-data tas-26 ta' Settembru 2019, li ġiet mressqa waqt is-seduta.

7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

7.4. Is-Segretarju aċċenna li fl-2016 kien sar ftehim mal-għaqdiet sportivi akkreditati mill-Kunsill biex jużaw il-faċilitajiet sportivi fil-Park tal-Familja. Dawn kienu jipprovdu li:

(a) L-użu tad-*dressing rooms* isir mingħajr ħlas sakemm l-organizzazzjoni tkun ikkunsidrata li hija bbażata fil-lokalita` tal-Mellieħa;

(b) M'hemmx involuti hlasijiet lill-coaches individwali biex wieħed jattendi t-taħriġ;

(c) L-użu tad-*dressing rooms* mingħajr ħlas jsir biss minn organizzazzjonijiet meqjusa li jissodisfaw il-kriterja (a), sakemm dawn jintużaw waqt il-ħinijiet normali tal-kustodju nkarigat mill-Kunsill;

(d) Ħinijiet addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa, għandhom jiġu notifikati lill-Kunsill mill-inqas jumejn qabel, liema ħinijiet ikunu bi ħlas, skont it-tariffa stabbilita;

(e) Iċ-ċwievet tal-post dejjem jibqgħu għand il-kustodju tal-Park;

(f) Persuni li ma jkunux involuti fit-taħriġ sportiv, m'għandhomx ikunu preżenti fil-parti privata tad-*dressing rooms*, inkluż fil-kuriduri; u

(g) It-tindif tal-kmamar użati għat-taħriġ għandu jsir mill-organizzazzjoni konċernata.

(h) Kien hemm qbil li l-kundizzjonijiet skont il-minuta 2.1.3. għandhom jsiru.

(i) Il-benefiċjarju għandu a spejjeż tiegħu jojjeni *public liability policy* li tkopriħ matul it-terminu tal-ftehim fir-rigward ta' danni sofferti minn terzi b'rabta mal-attivitajiet kollha mwettqa fil-Park tal-Familja. Il-Benefiċjarju għandu jippreżenta kopja ta' tali assigurazzjoni lill-Kunsill fi żmien ġimgħa mill-iffirmar tal-ftehim.

7.5. Il-ftehim kien sar mal-Mellieħa Sports Club u l-Mellieħa Tritons, apparti il-Malta Kyokushin Federation, li m'għandhomx jagħmlu użu mill-post.

7.6. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-ftehim għandu jsir mad-diriġenti ta' kull dixxiplina li tiġi pprattikata fil-Park tal-Familja. Dan minkejja li tali dixxiplini sportivi jkunu affiljati taħt organizzazzjoni waħda. Issuġġerixxa wkoll li l-ftehim ikun ikopri staġun wieħed li jiġi mġedded jew emendat minn sena għal'oħra.

7.7. Il-Kunsill approva l-qafas tal-ftehim skont il-minuta 7.4., kif ukoll il-proposta skont il-minuta 7.6. aktar 'il fuq.

7.8. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li d-diriġenti tal-Mellieħa SC Libertas Spalding Team talbu li jużaw waħda mill-kmamar sabiex jerfgħu il-blalen, peress li attwalment qed jitpoġġew fil-kamra tal-kustodju. Intalab ukoll li l-ġenituri li jakkumpanjaw it-tfal waqt is-sessjonijiet ta' taħriġ jitħallew jużaw il-kamra ta' barra tad-*dressing rooms* sakemm ikunu qed jistennewhom.

7.9. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm iċ-ċwievet tal-kmamar wżati jinżammu mill-kustodju.

## 8.1. *Contracts Management* fuq servizzi li jottjeni l-Kunsill (K/6/5/2)

8.2. Billi kien sar il-ħin, il-Kunsill qabel li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett titħalla għas-seduta li jmiss.

## 9.1. Sejħa għall-offerti MLC 4/2019 – Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi *u Soft Areas* (K/6/3/Vol III)

9.2. Is-Segretarju għarraf li saret l-evalwazzjoni tas-sejħa msemmija waqt laqgħa fl-24 ta' Settembru 2019, fejn il-kumitat ta' evalwazzjoni kien assistit minn analista professjonali, partikularment f'dak li jirrigwarda konformità mal-kriterji li joħorġu mill-Linji Ġwida Nazzjonali dwar il-*Green Public Procurement* li ġew inkorporati fid-dokumenti tal-offerta. Ġie spjegat li kien hemm diversi minn dawn il-kriterji li ma ntlaħqux mit-tliet offerenti li wieġbu għas-sejħa, u għalhekk skont ir-Rapport tal-Evalwazzjoni tat-30 ta' Settembru 2019, it-tliet offerti ghandhom jiġu rifjutati u ssir sejħa mill-ġdid.

9.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni.

## 10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 30 ta' Settembru 2019.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-10 u t-30 ta' Settembru 2019.

10.5. Tressqet wkoll b'mod separat, skeda ta' infieq li sar perezz tal-*Petty Cash* bejn l-24 ta' Awwissu u l-20 ta' Settembru 2019.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fil-11.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru 2019 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**